

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Diċembru 2014 – Spokey vs UASI – Leder Jaeger (SPOKEY)****(Kawża T-846/14)**

(2015/C 065/70)

*Lingwa tar-rikors: il-Pollak***Partijiet**

*Rikorrenti:* Spokey sp. z o.o. (Katowice, il-Polonja) (rappreżentant: B. Matusiewicz-Kulig, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Leder Jaeger GmbH (Siegen, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Proprjetarju tat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrenti

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* it-trade mark figurattiva Komunitarja li tinkludi l-element verbali "SPOKEY" – Trade mark Komunitarja Nru 6 777 312

*Proċedimenti quddiem l-UASI:* proċedimenti ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-UASI tad-29 ta' Ottubru 2014 fil-Kawża Nru R 525/2014-4

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- fi kwalunkwe każ, temenda d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn tirreferi għall-oġġetti speċifikati li jaqgħu fil-klassi 18;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikoli 8(1)(b), 75 u 76 tar-Regolament Nru 207/2009.
- Ksur tar-Regola 50 tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2868/95.

---

**Rikors ippreżentat fil-Qorti Ġenerali fit-2 ta' Jannar 2015 – Ipatau vs Il-Kunsill****(Kawża T-2/15)**

(2015/C 065/71)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

*Rikorrent:* Vadzim Ipatau (Minsk, il-Bjelorussja) (rappreżentant: M. Michalaukas, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrent**

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/750/PESK, tat-30 ta' Ottubru 2014, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja, sa fejn din tikkonċerna r-rikorrent;

- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1159/2014, tat-30 ta' Ottubru 2014, li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja, sa fejn dan jikkonċerna r-rikorrent;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi li huma essenzjalment identiċi jew li jixxiebhu lil dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-693/13, Mikhalchanka vs il-Kunsill <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU 2014, C 93, p. 25.

---

### **Rikors ippreżentat fis-6 ta' Jannar 2015 – K-Swiss vs UASI (Strixxi paralleli fuq żarbun)**

**(Kawża T-3/15)**

(2015/C 065/72)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### **Partijiet**

Rikorrenti: K-Swiss, Inc. (California, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: R. Niebel, u M. Hecht, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark li tindika l-Unjoni Ewropea għal trade mark figurattiva (Rappreżentazzjoni ta' ħames strixxi paralleli fuq il-ġenb ta' żarbun tal-isports) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni internazzjonali Nru 932 758

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tat-Tieni tal-Appell tal-UASI tat-30 ta' Ottubru 2014 fil-Każ R 1093/2014-2

### **Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### **Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikoli 7(1)(b) u 76 tar-Regolament Nru 207/2009;

---

### **Rikors ippreżentat fit-8 ta' Jannar 2015 – Beiersdorf vs UASI (Q10)**

**(Kawża T-4/15)**

(2015/C 065/73)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

### **Partijiet**

Rikorrenti: Beiersdorf AG (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Renck u J. Fuhrmann, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)